MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 92/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud**
**Spettur Frank A. Tabone)**

**VS**

**Anthony Said ta' 38 sena, bin Peter u Carmela nee' Vella, imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-22 ta' Marzu 1974, residenti fil-ond Tony & Theresa, Triq Ulisse, Marsalorn, limiti taz-Zebug, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita numru 8474(G)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Anthony Said akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta' Settembru

2010, gewwa Rabat, Ghawdex ghal habta tat-tmienja u nofs ta’ fil-ghaxija (2030):
(a) harab minn post ta’ kustodja u mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, u cioe’ meta harab mil-Lock Up Centre tal-Pulizija gewwa Triq il-Kappuccini, Rabat, Ghawdex, u dana bi ksur tal-artikolu 160 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fix-xahar ta’ Settembru 2010 u fix-xhur ta’ qabel gewwa Ghawdex u gewwa dawn il-Gzejjer f’hinijiet differenti:
(b) naqas milli jhares xi uhud mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) id-digriet mahrug nhar it-23 ta’ Dicembru 2008 mill-Magistrat Dr. Anthony Ellul LL.D
(c) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser l-ordni ta’ probation liema ordni nghatat nhar it-22 ta’ Mejju 2008 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat, f’din il-vertenza qed jiffaccja zewg akkuzi ben distinti minn xulxin u dana ghaliex filwaqt illi l-ewwel akkuza tirreferi ghar-reat tal-harba minn post ta’ kustodja, it-tieni u it-tielet akkuzi jirrigwardaw il-ksur tal-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest moghtija lilu f‘gudizzju iehor u il-ksur ta’ ordni ta’ probation moghtija lilu minn dina l-Qorti.

**L-akkuza dwar il-harba mill-post ta’ kustodja**

Illi mill-provi akkwiziti in atti jirrizulta illi l-imputat kien gie arrestat mill-pulizija nhar il-15 ta’ Settembru 2010 u dana wara li kien inhareg mandat ta’ akkompanjament fil-

konfront tieghu minn din il-Qorti kif ippreseduta u dana sabiex huwa jidher biex jixhed fil-Qorti l-ghada. Il-Qorti tosserva qabel xejn illi dana il-mandat qatt ma gie esebiet in atti u allura l-iskop ghall-arrest ta'l-imputat tohrog biss mix-xhieda ta'l-Ufficjal Prosekutur u min dik tal-pulizija involuti f'dana il-kaz. Meta mistoqsi in kontro-ezami rigward liema procedura u fuq liema nuqqas sabiex jattendi il-Qorti kien inhareg il-mandat ta'l-arrest, l-Ufficjal Prosektur ighid:
"Bl-amment ma niftakarax, pero' jekk nara ir-rapport inkun nista' nikkonferma. (*pawsa*) Mela l-mandat kien qieghed "Magistrat Grima", em u jekk m'inhix sejjer zbaljat kien fil-proceduri Il-Pulizija versus Joseph Bajada."
Meta id-difiza terga' tinsisti bil-mistoqsijiet taghha ghal liema seduta tal-Qorti, l-imputat naqas milli jattendi, l-Ufficjal Prosekutur iwiegeb:
"Naraw il-mandat imbaghad minn hemm naraw ghax bl-amment ma nafx"
U ghalkemm wara dan l-Ufficjal Prosekutur intrabat li jesebixxi kopja ta' dana il-mandat ta' akkompanjament, madanakollu dana il-mandat qatt ma gie esebiet in atti.

Maghmula dina l-premessa, l-Qorti ser tghaddi biex tanalizza x'sehh f'dik il-lejla tal-15 ta' Settembru 2010. L-imputat gie arrestat u mehud fil-post ta' kustodja gewwa il-Lock Up tal-Pulizija fi Triq il-Kappuccini, fir-Rabat. Huwa kien qieghed taht il-kustodja tal-PC709 Francis Apap. L-imputat kien jinsab gewwa cella, li hdejha kien hemm kamra zghira b'toilet. Ghal habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija, l-imputat qal lill-kuntistabbli Apap li ried jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Jidher illi hawn il-kuntistabbli fetah il-bieb tac-cella sabiex l-imputat ikun jista' imur il-kamra tat-toilet biswit ic-cella u l-istess kuntistabbli illarga sabiex imur igib it-*toilet paper* ghall-imputat. Meta irritorna huwa ma sabux hemm. Jidher illi l-imputat nel frattemp telaq jigri ghal bejt u qabez ghall-isfel u spicca waqa' gholi ta' madwar zewg sulari. B'xorti tajba l-imputat ma tilifx hajjtu izda sofra ksur f'diversi partijiet ta' gismu u kellu jigi rikoverat l-isptar.[1] Il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi kien nuqqas kbir da parti tal-kuntistabbli Apap illi halla lill-

---
[1] Ara xhieda tal-PC709 Francis Apap a fols. 29 et. seq.

imputat anke ghal ftit minuti wahdu bil-bieb tac-cella miftuha u illarga sabiex igib xi *toilet paper* ghall-imputat. Huwa messu ghamel dan qabel ma fetha il-bieb tac-cella, iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi huwa kien wahdu ighasses lill-imputat f'dik il-lejla.

Illi din l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat hija dik tal-harba minn post ta' kustodja. Illi l-Prosekuzzjoni ticcita fl-istess akkuza l-artikolu 160 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

**"Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inklużivament igħoddu fil-każ ta' ħarba ta' persuni, miżmuma skont il-liġi, minn lok maħtur għall-kustodja tagħhom**."

Illi dina id-disposizzjoni tal-ligi ghalhekk ma titkellimx dwar ir-reat tal-harba *per se*, izda taghmel referenza ghall-artikoli precedenti ta' dana is-Sub-Titolu. Illi min ezami akkurat ta' dawn l-artikoli tal-ligi jirrizulta illi lill-imputat qed jigi addebitat ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 151 u cioe' ir-reat tal-harba semplici. Dana ir-reat igorr piena ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn sena. Il-harba bi vjolenza imbaghad, meta dina isir bi ksur mill-post ta' kustodja, kif ikkontemplat fl-artikolu ta' wara igorr piena ta' prigunerija ghal zmien bejn sentejn u erba snin. Il-Qorti, madanakollu tqies illi dina id-disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax ghal dana il-kaz billi l-imputat ma harabx bi ksur mill-post tal-kustodja tieghu, izda ghax sab il-bieb tac-cella tieghu miftuh u harab minnha.

Illi l-artikolu 370 tal-Kapitolu 9 jitkellem dwar r-reati li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali:

**(1) Huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati -**

**(a) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin f'dan il-Kodiċi;**

**(b) id-delitti msemmijin f'dan il-Kodiċi meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, <u>jew tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur</u>**

**biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew tal-interdizzjoni;**
**(ċ) ir-reati kollha ikkontemplati f'liġijiet oħra meta jaqgħu taħt il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-liġi ma tkunx tiddisponi xort'oħra.**

Is-sub-inciz 4(a) imbaghad, jipprovdi:
"**Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b), jekk id-delitt li bih l-imputat ikun akkużat huwa wieħed li għalih hemm piena ta' priġunerija għal żmien ta' aktar minn sitt xhur iżda mhux aktar minn erba' snin, il-qorti għandha, waqt l-eżami tal-akkużat skont l-artikolu 392 iżda qabel ma jiġi eżaminat skont is-subartikolu (l)(b) ta' dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja; u l-qorti għandha tagħtih żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.**
**(b) Jekk, matul l-imsemmi żmien, l-akkużat iwieġeb li huwa m'għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tistaqsi lill-uffiċjal prosekutur jekk l-Avukat Ġenerali jkunx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u jekk ma ssir ebda oġġezzjoni, il-qorti għandha tinnota dan il-fatt fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li titratta l-każ tal-akkużat u għandha tipproċedi skont hekk**:"

Illi l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat certament iggorr piena ikbar minn dik ta' prigunerija ghal zmien sitt xhur. Kwindi f'dan il-kaz kellha tigi segwieta il-procedura stabbilita fis-sub-inciz erbgha hawn fuq iccitat. Illi min ezami ta'l-atti jidher illi dana ma sehhx tant illi l-kawza mill-istadju inizjali taghha giet imressqa mill-prosekuzzjoni quddiem dina l-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, minghajr ma gie ipprezentat il-kunsens mehtieg skond il-ligi tal-Avukat Generali sabiex dina l-Qorti tkun tista' tiggudika lill-imputat fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Kwindi billi dina l-Qorti fil-vesti taghha bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali mhijiex kompetenti sabiex titratta lill-imputat dwar l-ewwel reat migjub fil-konfront tieghu billi dana r-

reat igorr mieghu piena ta’ prigunerija li jeccedi is-sitt xhur, kwindi l-atti kif jinsabu huma monki li konsegwentment iggib in-nullita’ ta’l-istess.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali, l-Qorti ma tistax hlief tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza u dana billi tezorbita l-kompetenza taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------